# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**


Minuti ta’ laqgħa numru sitta u erbgħin (46) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM), li nżammet nhar it-30 ta’ Marzu, 2010, fis-6:50pm, fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Mqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Viċi Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻATI: | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |

1. Is-**sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-laqgħa bdiet aktar tard milli kien previst għaliex ma kienx għad hawn **kworum** fis-6:30pm.

3. Il-**Minuti tas-Seduta** preċedenti, kienu meħuda bħala moqrija u ġew approvati u ffirmati.

4. Peress li ħafna mill-**punti mill-minuti** wkoll kienu parti mill-aġenda, dawn ġew indirizzati mal-punti mill-minuti.

5. Is-sindku qal li hu u s-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mal-**Enġinier Albert Ellul** biex jagħtina s-suġġerimenti tiegħu dwar l-offerta li ħareġ il-kunsill dwar il-pannelli fotovoltaiċi fuq il-bejt tal-Isptar il-Qadim. Is-sindku qal li minkejja li tefgħu l-offerta żewġ fornituri, hemm diffikultà biex nagħżlu bejn id-disa’ għażliet li tawna. Mill-att tekniku diġà inqatgħu barra xi wħud u issa fadal li *Alberta Fire and Security*, jagħtina l-*conformance certificate* ta’ wħud minn dawn l-għażliet skond l-ittra li ċċirkula s-segretarju eżekuttiv lill-kunsillieri qabel ma’ bgħata lil din il-kumpanija biex l-istess kunsillieri jagħtuh il-*go ahead*. Il-viċi sindku qal li din il-kumpanija għandha tagħtina d-*deadline* meta se jkun għandna l-istess *conformance certificate* tal-*Kinve panels* li qed toffri, <u>permezz tal-manifattur tagħhom</u>. Dan se jkun ikkomunikat lilhom mis-segretarju eżekuttiv biex ikollna ċertifikazzjoni li dawn il-pannelli huma *to specs.*

6. Dwar il-kuntratt li kien ikkompilat mis-sindku biex jiffirmah il-kuntrattur *Asftaltar Ltd*, dwar il-**ħlasijiet matul is-snin** u x-xogħol tal-kisi tat-toroq bit-tarmak, Charles Farrugia qal li ma jaqbilx ma’ klawsola minnhom: dwar il-perjodu li fih għandhom jinksew it-toroq kollha. Hu qal li din l-ambigwità għandha titneħħa billi sempliċiment nagħtu lill-kuntrattur sat-30 ta’ April 2011 sabiex ilestihom kollha, u mhux tibda’ tiddekorri s-sena minn meta joħroġ il-permess. Dwar dan kien hemm qbil minn kulħadd.

7. Dwar il-***coffee morning*** li kien organizzat mill-KLM, is-sindku qal li dan intgħoġob u kull min ġie, ħa gost.

8. Dwar l-insistenza tal-KLM mal-Kunsill Lokali Siġġiewi biex issir **manutenzjoni fl-Isqaq tal-Kmamar tan-Nar**, billi jinqata’ l-ħaxix ħażin kif ukoll isir il-*patching*, is-sindku qal li huwa ltaqa’ mal-viċi sindku tas-Siġġiewi u dan qallu li kellhom jiddiskutuha l-ġimgħa l-oħra f’laqgħa tal-kunsill.

9. Dwar it-tqegħid ta’ **kontenituri addizzjonali tal-iskart separat** fir-raħal tagħna, is-sindku qal illi l-KLM flimkien mal-*Greenpak* taw konferenza stampa dalgħodu fl-Isptar il-Qadim biex permezz tagħha titqajjem aktar kuxjenza fost ir-residenti tagħna biex ir-residenti isiru aktar

konxji u jisseparaw aktar skart. Intqal ukoll li fil-jiem li għaddew kien hemm diversi oġġezzjonijiet mill-pubbliku dwar l-erba' siti li tpoġġew fihom dawn l-istess kontenituri.

10. Dwar il-**librara** Nathalie Azzopardi, li issa ħadet post l-eks librara Bridget Saliba, jidher li issa reġa' kollox għan-normal. Madankollu jinħass il-bżonn illi din ikollha aċċess għall-iskola mill-bieb intern sabiex tkun tista' tuża l-kamra tal-banju tal-iskola.

11. Dwar il-problema tal-**parkeġġ fi Triq il-Fjuri,** issa jidher li l-ġirien ikkuntentaw billi l-istess parkeġġ ġie abolit eżattament minn quddiem il-garaxx li kien hemm diffikultà biex joħorġu l-vetturi minnu l-istess familja li talbet din il-konċessjoni.

12. S'issa għadhom ma bdewx it-**taħdidiet ma' *Heritage Malta***, biex il-KLM jingħata b'devoluzzjoni jew delega oħra l-Katakombi tal-Mentna. Minkejja dan fil-futur qrib se nikkomunikaw mas-Sur Kenneth Gambin biex jibdew l-arranġamenti meħtieġa.

13. Hekk kif tiġi identifikata l-ġurnata u l-ħin, se tintbgħat ittra lir-residenti ta' **Triq San Bazilju** biex niddiskutu magħhom il-possibilità li din it-triq issir ***one way***, dak li kien imressaq mis-sindku fis-seduti preċedenti tal-KLM.

14. Kienet diskussa l-proposta sabiex napplikaw f'isem l-għaqdiet kollha tar-raħal biex il-bjut tal-istess sede jew ta' postijiet oħrajn ta' dawn l-għaqdiet, jittrasformaw ruħhom f'sorsi ta' enerġija billi jospitaw **pannelli solari**. Għal din il-laqgħa li saret fil-muniċipju ftit tal-jiem ilu fil-preżenza tal-Enġinier Albert Ellul dawn l-għaqdiet indikaw id-daqs li jistgħu joffru bħala spazju għall-istess pannelli kif ukoll tawna ideja tal-kontijiet tal-elettriku tagħhom. Din l-informazzjoni hija vitali biex l-enġinier ikun jista' jimla l-applikazzjoni konġunta tal-Imqabba.

15. Dwar l-**iSkema Sportiva** li ġiet aċċettata u se nibbenefikaw minn fondi għaliha, (il-fondi se jingħataw aktar tard hekk kif jintemm it-taħriġ) se nippruvaw inġibu l-għalliema mill-Kunsill Malti għall-Isport. Dwar l-għarfien ta' dan lill-pubbliku se jsir avviż fil-ħarġa li jmiss tal-fuljett biex niddisseminaw dan l-għarfien fost ir-residenti tagħna kif ukoll se naraw jekk l-istess Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada tistax tagħmel *hoarding* mal-faċilitajiet sportivi li ġġarrfu f'barriera fl-Iskola Primarja fis-sit li hu propost li jintuża għal dan it-taħriġ.

16. Dwar il-kelmiet li se jsiru fuq il-**monument** li se jitpoġġa fl-Isptar il-Qadim li bih se nfakkru 'l dawk li ħadu Ġieħ l-Imqabba matul dawn l-aħħar snin, il-viċi sindku qal li l-pjanċa tal-i*stainless steel* li tnaqqxu l-kelmiet fuqha, kienet irqiqa wisq u għandu jerġa' jsir ix-xogħol mill-ġdid.

17. Għall-attività li nżammet dalgħodu mill-Ministeru tal-Edukazzjoni dwar il-**libreriji pubbliċi** ma attenda ħadd għaliex din saret fil-ħin li kien hemm il-konferenza stampa fl-Isptar il-Qadim. Madankollu se jkun hemm attività oħra relatata f'April 2010, fejn il-KLM se jirċievi fondi u għaliha se jattendi is-sindku.

18. Dwar il-**korsijiet tal-*computer*** li se jsiru fl-Isptar il-Qadim, se naraw jekk hux possibbli li napplikaw għall-*WI-FI* permezz ta' skema tal-*Malta Resources Authority* biex b'hekk ikun jista' jingħata wkoll il-kors tal-*internet* wara li għandhom isiru l-arranġamenti tan-*network* fil-*computers* kollha tagħna. Il-ħlas tal-għalliem Keith Aquilina għandu jinqasam bejn il-parteċipanti kollha u l-massimu għandhom ikunu tnax fi klassi. Għal dan il-għan il-KLM m'għandux triq oħra ħlief li japplika għal-linja tat-telefon fl-Isptar il-Qadim.

19. Għall-wirja tax-xjenza mill-***Malta Council for Science and Technology***, li se tkun organizzata fil-pjazza ewlenija tar-raħal, f'Mejju 2010, diġà intbagħtu stediniet biex jipparteċipaw fiha l-każini. Madankollu l-istess stedina se ssir ukoll lill-Prinċipal Kulleġġ San Benedittu kif ukoll lill-Kap tal-Iskola Primarja Mqabba. Kien suġġerit li kemm għal din l-attività, għat-taħriġ

sportiv, kif ukoll għall-kors tal-*computer*, isiru avviżi permezz ta' *flyer* u jitqassam lit-tfal tal-iskola primarja.

20. Dwar il-bżonn ta' aktar **illuminazzjoni fi Ġnien Tfal ir-Raħal**, is-sindku qal li se jkellem lill-kuntrattur (minn Ħaż-Żebbuġ) biex iħawwel arbli li permezz tagħhom se toktor l-illuminazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu, peress li kien hemm diffikultajiet ta' mġieba ħażina minn żgħażagħ f'dan is-sit.

21. Is-sindku qal li ix-xogħlijiet ta' **tħaffir** previsti mill-kuntrattur tal-Korporazzjoni Enemalta bejn Triq il-Ħarriġiet u Triq Valletta, quddiem il-fabbrika ta' *Agius Stone Works*, se jibdew dalwaqt. Dawn se jkunu fid-dħul ewlieni tal-Imqabba fl-aktar żmien kritiku, jiġifieri meta ħafna miż-Żrieraq qed jgħaddu wkoll mil-lokalità tagħna, waqt ix-xogħlijiet ta' kisi mill-ġdid ta' Triq Valletta, Żurrieq. Għalhekk jistgħu joħolqu ftit tal-konġestjoni speċjalment fir-*rush hours*.

22. Dwar il-bini mill-ġdid tas-**sit elettroniku** tal-KLM li se jibqa' jkun ospitat fuq il-*gov.mt*, is-segretarju eżekuttiv ippubblika avviż fil-*Malta Independent* (skond ir-riforma tal-Kunsilli Lokali li dan hu l-ġurnal uffiċjali li fih għandhom jidhru avviżi ta' din in-natura) biex ikun jista' *jibbiddja* kulħadd bil-*fair*. Sadanittant is-segretarju eżekuttiv kiteb lill-*BOV* sabiex possibilment jisponsorjaw is-sit elettroniku jew parti minn din l-istess spiża.

23. Għal-**laqgħa miftiehma mal-każini tal-banda** biex possibilment dawn idoqqu flimkien bħala banda waħda f'Jum l-Imqabba 2010, is-sindku biddel id-data għall-21 ta' April 2010 mid-19 tax-xahar biex ikun jista' jattendi s-Sur Michael Ghigo tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju.

24. Dwar dan il-jum, il-viċi sindku ressaq proposta biex il-KLM jagħmel użu mill-**kor tat-tfal tal-iskola u bil-mużicisti tal-Kulleġġ San Benedittu** biex jagħtu l-kontribut tagħhom. Din il-proposta għad trid tiġi mlaħħma sew qabel ma noħorġu biha uffiċjalment.

25. Is-sindku qal li għall-**Mawra t'Għawdex**, l-iskrivana inkarigata mill-attivitajiet, Ms Mersia Mackay, se tibda taħdem fuq il-*poster* ħalli nagħmlu aktar pubbliċità. Din il-mawra se tkun fis-26 ta' Mejju 2010, għall-prezz ta' €10.00

26. Dwar il-parteċipazzjoni fl-attività li se tkun organizzata f'Għawdex mill-**Kunsill Lokali Żebbuġ**, is-sindku qal li l-uffiċjali Għawdxin kellhom jiddiskutu mar-rappreżentant tan-nar tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, is-Sur Claudio Briffa. Din is-soċjetà se taħraq in-nar tal-art fil-gżira Għawdxija.

27. Is-sindku semma l-**attività tas-Soċjetà Santa Marija** li hija skedata għad-9 ta' April 2010. Hu rrefera għat-talbiet li saru uffiċjalment minn dan il-każin.

28. Għall-proposta tas-sindku biex mal-monument ta' Mikelanġ Sapiano, fil-ġnien dedikat lilu biex titwaħħal /titnaqqax il-kelma **'Arluġġar'**, il-viċi sindku qal illi din tista' tkun skolpita fil-post. Kumpanija li tista' tagħmel dan hija *Agius Marbles*, ta' Triq Valletta Mqabba.

29. Dwar il-**kwotazzjonijiet tas-*CCTV*,** is-segretarju eżekuttiv qal li daħlet waħda biss, jiġifieri dik ta' *Alberta Fire and Security*. Din ħarġet pubblika għaliex hija l-intenzjoni tas-sindku li mal-uffiċċju t'isfel ikun hemm *cameras* tas-sigurtà li jistgħu ikunu aċċessibbli *on-line* minn kull *computer* fl-uffiċċju, filwaqt li l-apparat tar-*recording* għandu jitpoġġa fl-uffiċċju tiegħu.

30. Il-kunsillieri qablu unanimament illi ma' **jkunx imħallas il-kont** tax-xogħol li sar dan l-aħħar mill-Perit Anthony Bezzina, talli ħalla it-*tectile* barra fil-proġett ta' Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Infatti se tinkiteb ittra biex il-perit ikun infurmat b'dan wara li anke issa inbidel l-*alignment* tal-bankina fejn Mansi Farrugia, u din ġejja wkoll iċċangata bil-*paving blocks.*

31. Is-sindku qal li kellna npoġġu €500 depożitu biex l-**applikazzjoni tal-*ERDF*** li l-KLM jixtieq jimla' permezz tal-*MEUSAC*, tkun tista' tiġi proċessata. Infatti jekk il-KLM taqbiżlu xi waħda mir-rekwiżiti abbinati mid-*deadlines* kollha li mponew fuqna, se jkun tilef parti jew l-ammont sħiħ depożitat, skond il-każ. Is-sindku fakkar lis-segretarju eżekuttiv sabiex tard wara l-laqgħa, jgħaddi l-informazzjoni lill-*MEUSAC* dwar il-Katakombi tal-Mentna għaliex l-għada kienet l-ewwel skadenza.

32. Is-segretarju eżekuttiv, mill-ġurnali lokali, induna illi s-Sur Vella, sid ir-razzett li hemm fuq il-Mentna issa rebaħ l-appell. Kopja ta' dan il-ġurnal għaddih lill-KLM permezz ta' *e-mail* biex kull min jistaqsi dwar l-**inkonvenjent mill-irwejjaħ** li qed jinħoloq lir-residenti ta' din iż-żona, ikun jaf bl-aktar informazzjoni aġġornata dwar il-każ.

33. Dwar il-***Financial Statements*** **Apr-Diċ 2009,** is-segretarju eżekuttiv informa lill-KLM li n-*National Audit Office* din is-sena m'aċċettax dak li ntbgħatlu mis-segretarju eżekuttiv. Is-sindku ssuġġerixxa li dawn il-*financial statements* isiru mir-resident tar-raħal tagħna, is-Sur Richard Falzon. Is-segretarju eżekuttiv se jara jekk dan jaċċettax li jagħmilhom hu.

34. Is-sindku fakkar lill-viċi sindku dwar ***monitor TFT*** għar-*reception.*

35. Ġie deċiż illi għal-laqgħa li ġejja tat-13 ta' April 2010, li għaliha ma jistax jattendi il-kunsillier Paul Spiteri, għalhekk se jkun skużat, għandna ngħidu lill-**Ispettur Portelli tas-*CID***, jiġi jiltaqa' mal-KLM, peress li hija ix-xewqa tiegħu li jiltaqa' magħna.

36. Dwar il-**ħarġa li jmiss tal-fuljett,** kien miftiehem illi Paul Spiteri jikteb dwar l-attività tax-xjenza, is-sindku dwar il-*bring-in-sites* u l-viċi sindku dwar l-inizjattiva sportiva. Is-sindku qal illi l-kunsillieri għandhom ma jaqbżux il-120 kelma fl-artiklu tagħhom. Dwar ir-reklami li se jkunu qed jidhru f'din il-ħarġa bl-isem 'Fuq l-Għatba tal-Kunsill", is-sindku ssuġġerixxa li r-**reklami jkunu jiswew €25 għal daqs A7, *full colour.***

37. Kienu approvati l-***Payment Approval Sheets*** numri 372 u 373.

38. Il-laqgħa ntemmet fid-8:40pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*13 /04 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |